MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2009

Talba Numru. 682/2008

**Avantech Limited**
**vs**
**Stephan Borg ezercenti l-kummerc taht l-isem Angels Stationery**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' tliet mija u tmienja u erbghin ewro u sitta u disghin ewro centezmu (€348.96) rapprezentanti kwantu ghal tliet mija, wiehed u ghoxrin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€321.21) bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata u kwantu ghal sebgha u ghoxrin ewro u hamsa u sebghin ewro centezmu (€27.75) spejjez ta' ittra legali - dokumenti mehmuza mat-talba.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tal-fattura kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li fis-seduta tat-2 ta'Dicembru, 2009 gie pprezentat kapitolu mill-Avukat Claudine Zarb u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------